MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## MARIA KARLSSON

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 1045/2006

**Bitmac (Works) Limited (C15559)**

**vs**

**Farstone Limited (C6880) u**
**Carmel u Mary konjugi Farrugia**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ erba’ mija u tlett Liri Maltin u hamsin centezmi (LM403.50) rapprezentanti prezz ta ‘jablo’ mibjugh u konsejnjat mis-socjeta attrici lil Farstone Limited. Il-Konvenuti Carmel u Mary Farrugia assumew id-dejn imsemmi flimkien ma Farstone Limited billi ammettew ‘cheque’ ghall-imsemmi ammont liema cheque ma giex onorat.

Il-Konvenuti baqghu inadempjenti minkejja diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas.

Ra li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx Risposta ghalkemm debitament notifikati;

Ra li l-konvenuti naqsu li jikkontestaw l-Kawza;

Ra lli b'Nota fil-1 ta' Marzu, 2007 ra li l-Avukat Massimo Vella iddikjara li ha jcedi l-atti tal-kawza ghal dak li jirrigwarda s-sorte u l-imghax mitluba stante pagament da parte tal-konvenut fil-mori izda zzomm ferm il-kap tal-ispejjez;

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------